KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tal-25 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru, 2014 u li bdiet fl-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| ViċiSindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali | |
| SegretarjuEżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur/riċi: | Il-post hu vakanti |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fl-5.00 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħat ta' qabel, Nru. 23 – 8 u tal-laqgħa b'urgenza Nru. 24 – 8 u dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana qajmet punt fuq il-magazine tal-festa tal-parroċċa ppublikat mill-istess parroċċa fejn deher ritratt tas-Sinjura Rose Fava flimkien mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv (dak iż-żmien kien Assistent Uffiċjali Prinċipal) u l-Arċipriet mall-gunta ta' Montefiascone waqt iż-żjara li kienet saret f'Diċembru 2013. Hi nfurmat lill-Kunsill li meta is-Sinjura Rose Fava kienet telgħet Montefiascone, ċċekjat mal-Arċipriet biex tara jekk hux veru li kien l-Arċipriet li ddeċċieda lil min ser jieħu miegħu Montefiascone. Hi qalet li l-Arċipriet qalilha li hu ma għandhux dritt li jiddeċiedi lil min jieħu l-Kunsill u din id-deċizjoni żgur li ma ħadhiex hu. Hi qalet ukoll li l-Arċipriet kien ħallas il-passaġġ hu personali u hu serva biss bħala pont bejn Ta' Sannat u Montefiascone għax ġa hemm kuntatt reċiproku u b'saħħtu bejn iż-żewġ parroċċi. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni u qal li s-Sinjura Rosa Fava kienet irrimburżat lill-Kunsill kif kien mitlub li jsir mill-Kunsill stess u mid-Deputat Segretarju ta' dak iż-żmien skond il-minuti tal-11 ta' Diċembru 2013. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li s-Sinjura Rosa Fava ma telgħetx Montfiascone tirrapreżenta lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat.

Il-Kunsillier Joseph Bajada staqsa lill-Kunsill għaliex ma saritx il-laqgħa tal-Kunsill fi żmien stipulat u nkisret il-ligi? Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb u qal li hu nforma lill-Kunsill u li kien għamel kull tentattiv għal nhar it-Tnejn 15 ta' Settembru 2014 biex issir laqgħa u l-Kunsill jibqa konformi mall-liġi, imma din kella titħassar minħabba nuqqas ta' quorum. Il-Kunsillier Bajada staqsa wkoll lis-Sindku x'kien ġara mill-mozzjoni ta' Sfiduċja fis-Sindku li kienu ressqu t-tlett kunsilliera l-oħra tal-P.L. sabiex titneħħa l-inċertezza li bħalissa qed tiddomina il-Kunsill Lokali u r-raħal Ta' Sannat. Hu staqsa wkoll jekk is-Sindku hux f'posizzjoni li jieħu vot ta' fiduċja. Il-Viċi Sindku wieġbet li kien il-P.L. li ġagħalhom jirtiraw din il-mozzjoni, qalet ukoll li Dr. Toni Abela kien anke ġiegħel lis-Sindku jirtira kawża li fetaħ s-Sindku stess mall-Bord tal-Governanza Lokali. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera l-oħra tal-P.L. qalu li s-Sindku ma rtirax il-kawża li fetaħ u li huma ġa taw ix-xiedha tagħhom lil dan il-bord. Is-Sindku wieġeb li dan il-każ qed jiġi nvestigat u li hu mhux f'posizzjoni li jitkellem dwaru u talab biex tibda l-laqgħa.

**Dikasteri**

Is-Sindku b'konsultazzjoni mall-Kunsillieri għadda dawn id-dikasteri lilhom:

- Il-Viċi Sindku, Frances Galea – L-Edukazzjoni, s-Saħħa u tassisti lis-Sindku fil-proġetti
- Il-Kunsillier, Joseph Bajada – L-Isports
- Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana – Il-Kultura u l-Persuni bi bżonnijiet speċjali
- Il-Kunsilliera Margaret Said - L-Anzjani

Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex iħejju rapport għal dawn is-sitt xhur li ġejjin dwar il-ħidma li flimkien jixtiequ li ssir b'risq il-lokalita' Ta' Sannat.

**Ħatra tal-bord tal-għażla għal Skrivan/a**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għal Skrivan/a fi skala 15 back to back għalqu nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2014 mill-lista tal-ETC (Part 1) u li minnha applikaw 24. Dan wara li mill-internal call (jiġifieri mill-impjegati tal-Kunsilli Lokali ta' Malta u ta' Għawdex) ma applika ħadd għal dan il-post vakanti. Hu talab lill-Kunsill sabiex jaħtar bord biex isiru l-interviews lil dawn li applikaw. Il-Kunsill iddeċida li l-bord tal-għażla ser ikun kompost minn Chairperson, Lucienne Haber – Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Għajnsielem li ilha fil-kariga għal dawn l-aħħar għoxrin sena u għandha esperjenza kbira fix-xogħol ta' Kunsill Lokali u l-membri l-Viċi Sindku - Frances Galea u l-Kunsilliera - Maria Cassar Sultana. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun is-Segretarju ta' dan il-bord. L-interviews ser isiru nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2014.

**Ambaxxatur/Ambaxxatriċi**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa ġibed l-attenzjoni dwar il-ħatra ta' Ambaxxatur / Ambaxxatriċi li jirrapreżenta jew tirrapreżenta liż-żgħażagħ fil-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa li mall-avviżi tax-xahar ta' Novembru 2014, isir avviż liż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u t-18 il-sena fejn jitlob li hawn dan il-post vakanti. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Jum Dinji tat-Tfal**

Il-Kunsill Lokali kkonferma li din l-attivita' għandha ssir bħas-sena l-oħra fil-Pjazza Santa Margerita nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru 2014. Is-Sindku ddelega lill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana ser jieħdu ħsieb din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Attivitajiet/Tiżjin tal-Milied**

i. Is-Sindku ssuġġerixxa li bħas-sena l-oħra għandhom jintalbu kwotazzjonijiet għat-tiżjin ta' Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margerita b' dawl dekorattiv għal żmien il-Milied u l-ewwel tas-sena. Il-Kunsill qabel ma dan.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill biex bħas-sena l-oħra lill-anzjani tal-lokal tingħatalhom kaxxa gallettin u titwaħħal sticker ta' Awguri mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Il-Kunsilliera Margaret Said issuġerit li l-gallettini jitqassmu mill-ħames Kunsillieri kollha f'żoni differenti.

iii. Is-Sindku qal li saret laqgħa apposta mas-Sindki ta kull Kunsill Lokali u mall-Kappillani ta' Għawdex fejn ġew infurmati mill-President ta' Malta li tixtieq il-koperazzjoni tagħhom għal nhar l-20 u l-21 ta' Diċembru 2014 fejn ser issir l-Istrina minn Għawdex u l-President ta' Malta ser iżżur l-irħula kollha. Għalhekk il-Kunsill Lokali għandu jħejji programm għal din il-miġja u ġest nobbli.

**Tiġdid tal-Kuntratt tal-Bidwi Park.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li l-Kuntratt tat-tindif u manutensjoni tal-Ġnien il-Bidwi ser jiskadi nhar l-1 ta' Novembru 2014 u li jista jerġa jiġi mġedded sal-31 ta' Ottubru 2015. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena oħra.

**Ilmenti u suġġerimenti**

1. Is-Sinjura Stephanie Grima li toqgħod Ta' Ċenċ Court Flat 2, Triq Ta' Ċenċqedtitlob li jsiru "double yellow lines" l'isfel minn fejn toqgħod, peress li qed jipparkjaw hemm u biex toħrog mill-garage trid tinżel kontra l-linja. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta dwar dan l-ilment.

2. Dr. Joseph Borg li joqgħod 63, St. George Flats, Triq il-Kbira, Ta' Sannat qed jitlob li jingħata wiċċ bl-asphalt lir-rokna li tinsab fil-kantuniera bejn Triq il-Kbira u Triq l-10 t'Ottubru 1942 u li qegħda eżatt quddiem il-bieb ewlieni ta' blokk t'appartamenti. Il-Kunsill qal li dan ix-xogħol sar bit-tarmak riċentament meta saret it-Triq l-10 ta' Ottubru 1942.

3. Is-Sinjura Carmen Muscat li toqgħod Vacation Home, Triq tal-Gruwa, Ta' Sannat tixtieq li ssir bankina mal-istess residenza. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba bis-sitema tal-Customer Care lil Ministeru għal Għawdex.

4. Anthony Sammut ta' Seguna Building, Block 3, Triq Ta' Saguna, Ta' Sannat jixtieq li jitwaħħlu 2 lampi mal-istess block peress li fil-għaxija jkun hemm ħafna dlam.

5. Is-Sur W. Terribile ġab 2 ariel photos ta' Ta' Ċenċ Cliffs u Ta' Sannat biex jekk irid l-Kunsill jkun jista jkabbarhom għal uffiċċju. Il-Kunsill qabel li jsir dan wara li jkun jaf kemm ser jiswew.

6. Il-kuntrattur tal-K.I.P. Ltd. qed jitlob biex jingħata ż-żebgħa fit-Triq Palazzo Palina quddiem il-gallarija peress li mhux ikun jista jdur bit-truck meta jkun hemm l-karozzi pparkjati. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta dwar dan l-ilment.

7. Dr. Ing. Stephen Abela qed jitlob li ssir bankina ġdida quddiem dar 'Beetlejuice', Triq Dun Luqa, Ta' Sannat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din ġiet irrapurtata lil Ministeru għal Għawdex bil-Customer Care peress li hi bankina ġdida.

8. Is-Sur Michael Curmi li joqgħod Plot 6, Triq l-Ikxbiex, Ta' Sannat jixtieq ifakkar biex jitwessa l-water culvert ta' Triq tal-Gruwa għax mhux qed jirċievi ilma tax-xita biżżejjed u qed jikkaġuna ħafna ħsara. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mall-Water Services Corp. peress li bħal issa għaddejjin b'xogħolijiet f'din it-triq u li l-wiċċ ta' dan il-culvert ser jinqala biex jgħaddu il-pipe line li irid isir mill-ġdid.

9. Is-Sinjura Margerita Spiteri li toqgħod 44, 'Qlub Imqaddsa', Triq Sannat qed titlob li tinżabar s-siġra tat-tin li hemm maġenb id-dar tagħha (l-parti li hemm l' barra fuq il-bankina) peress li meta tagħmel il-frott qed tħammeġ ħafna u hija ta periklu għal min jgħaddi minn fuq l-istess bankina. Il-Kunsill qabel li din is-siġra tinżabar f'Jannar meta suppost issir iż-żabra ta' dawn is-sġar.

10. Is-Sur Robert Camilleri qed jilmenta li Triq Gerxija hija mħarbta ħafna u hemm ħafna trabijiet.

11. Is-Sur Robert Muscat li joqgħod 'Carbert', Triq Santa Marija, Ta' Sannat qed jitlob li terġa titwaħħal it-tabella ta' Triq il-Moxa peress li nkissret. Il-Kunsill għandu jordna din il-plakka ġdida.

12. Is-Sur David Azzopardi li joqgħod Vincenzo Caruana Spiteri Street, Ta' Sannat qed jitlob għar Reserved for Loading/Unloading parking quddiem il-ħanut tiegħu. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta dwar dan l-ilment.

13. Is-Sinjura Marija Vella li toqgħod 'Temperamia' 35, Triq il-Kbira, Ta' Sannat qed titlob li jsiru sinjali sofor ma ġenb il-garage peress li ma tkunx tista ddaħħal lil-vettura għax jipparkjaw eżatt mal-koxxa tal-bieb. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta dwar dan l-ilment.

14. Il-Kunsillier Joe Bajada qed jitlob biex terġa titwaħħal l-mera mal-ħajt faċċata tal-ġibjun fi Triq il-Kbira li tgħati għal Triq Saguna peress li nkissret. Il-Kunsill qabel li jixtri din il-mera u terġa teħel f'posta.

15. Is-Sur John Grima qed jissuggerixxi li s-set tal-film li qed jinħadem fi Mġarr ix-Xini jingħata lil Kunsill u bi ftehim mal-Awtoritajiet jinfetaħ għal visitaturi bi ħlas li jmur għal ħtiġijiet tar-raħal Ta' Sannat.

16. Is-Sur John Mcfarlane Campbell li joqgħod 23, 'The Old School House', fi Triq il-kbira, Ta' Sannat qed jitlob biex jinżabru s-siġar li hemm fuq il-bankina tiegħu. Il-Kunsill qabel li dawn is-siġar jinżabru mill-Kuntrattur tas-soft areas and verges.

17. Is-Sur Michael Angelo Spiteri li joqgħod 'In God We Trust', fi Triq Vincenzo Caruana qed jilmenta dwar pipe li kien diġa eżistenti fi Triq 28 ta' April 1688 għal ġibja fl-għalqa tiegħu u li dan ġie mgħaddas l-isfel mill-kuntrattur meta kienet saret il-bankina b'konsegwenza li mhux jidħol ilma tax-xita fil-ġibja tiegħu. Il-Kunsill qabel li jordna lil Perit tal-Kunsill biex jara eżatt u ma sirx la ħsara fil-bakina u wisq aktar fit-triq.

18. Is-Sur Joseph Grech li joqgħod 61A,'Josmar' fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat qed jitlob li titneħħa l-bus stop bl-isem 'Randu' minn quddiem id-dar tiegħu peress li qed toħloqlu inkonvinjent kbir. Il-Kunsill ma qabilx ma dan l-ilment peress li dan il-bus stop ilu jeżisti f'dan il-post għal bosta snin.

19. Is-Sur Raphael Aloisio li joqgħod 9, Triq Skerla, qed isib problema peress li meta jitla' jgħix f'din id-dar fil-weekend u qed iħalli l-iskart domestiku, dan mhux qed jinġabar mill-Kuntrattur u qed joħloq inkonvenjent lil qraba tiegħu.

20. Is-Sinjura RoseAnne Buttigieg ta' Arcadia, Triq Gerxija qed tilmenta dwar l-istat ħażin ta' din it-triq u li din it-triq hi kollha ħofor perikolużi. Il-Kunsill Lokali qabel li jitlob stima mingħand il-Perit ta' din it-triq sabiex meta jkollu l-fondi din it-triq tingħata it-tarmak kif mistħoq.

21. Is-Sur Anthony Sciberras ilmenta dwar patching ta' ħofor perikolużi fi Triq Dun Luqa u jixtieq li jeħel bank fuq il-bankina fil-bidu tat-triq fejn hemm il-bus stop. Il-Kunsill qal li f'din it-triq ser isir ix-xogħol tal-pipe line mill-W.S.C. u mill-Ministeru għal Għawdex u għalhekk parti minn din it-triq ser tingħata t-tarmak.

22. Ms. Anna Van Breemen qed tistaqsi lill-Kunsill meta ser jingħata l-wiċċ bit-tarmak ta' Triq Skerla u titnaddafa din it-triq minn ħadid u ħmieġ minn quddiem l-appartament tagħha?

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija Pellikola tal-films bgħatet imejl dwar il-filming tal-film "By the Sea" fil-Pjazza Santa Margerita matul il-ġurnata kollha ta' nhar id-29 ta' Ottubru 2014. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma din il-kumpanija nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2014, fis-1.00 p.m., fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. lesta t-toroq tal-P.P.P. bit-tarmak, Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u Triq Pisoniano. Il-Kunsillieri semmgħu li fil-fatt li għad hemm fejn il-kuntrattur ħalla xi ħsarat fil-bankini u l-kurduni tal-bankini u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb u jinforma lill-Kuntattur minnufih dwar dan biex jirranġom mill-aktar fis.

3. Is-Sindku qal li hu kiteb ittra lid-Direttur tal-Proġetti u Żvillup (MGOZ) dwar ix-xogħol tal-ewwel fazi ta' Triq Bardan b'Miżura 125 u li dan hu lest bil-konkos. Għalhekk qal li f'ittra talab biex din it-triq titkompla bit-tarmak kif kien miftiehem mall-Ministru għal Għawdex u biex toħroġ it-tender mill-istess Ministeru ħalli quddiem ir-residenti ta' din it-triq jsir bit-tarmak u t-triq tkun lesta u kompluta.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu jħoss li għandha ssir laqgħa mall-Ministru għal Għawdex biex jinfurmaħ dwar ix-xogħolijiet u bil-kisba ta' M313 bil-proġett tal-Pjazzetta tax-Xelina u l-water culvert li għandu jsir minn din il-pjazzetta għal Triq Dun Xand Aquilina sa Triq Sannat u li ser isiru fiż-żmienjiet li ġejjin. Il-Kunsill għandhu jkellmu dwar il-water culvert fi Triq il-Gruwa, il-Pjazzetta ta' Triq Ta' Ċenċ u dwar l-indafa fit-toroq arterjali. Il-Kunsill qabel ma dan.

5. Is-Sindku qal li din s-sena it-20K, it-10K u l-5MTB (tlielaq) kellhom jiġu mħassra peress li Club f'Malta organizza l-istess tlielaq fl-istess żmien, b'hekk dik li kellha tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali kellha tiġi mħassra.

6. Is-Sindku qal li l-Kunsill rċieva imejl mingħand Eileen Vella – Senior Pharmacist u Nutritionist mill-Health Promotion Unit fi ħdan l-Isptar Generali ta' Għawdex fejn infurmatna jekk il-Kunsill hux interessat f'workshops li jinkludu:
    - Health Ageing
    - Energy and Physical Activity
    - Enjoying Heathy and Nutritious food
    - Food labelling and making healthy eating part of your total lifestyle
    - Feeding ourselves fuller and eating on a budget.

Is-Sindku qal li ta' min jieħu din l-opportunita ta' tagħlim dwar dawn is-suġġetti u f'dawn l-oqsma lir-residenti tal-lokal. Il-Kunsill qabel ma dan.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi anzjani li kienu għadhom qed jiffrekwentaw iċ-Ċentru ta' matul il-jum f'Għajnsielem kull nhar ta' Erbgħa talbu biex il-Kunsill jerġa jibda jipprovdilhom it-transport kif kien ikun provdut qabel. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u aċċetta li jerġa jidħol fil-ftehim ma' dan iċ-Ċentru u b'hekk jerġa jibda jkun provdut ukoll dan is-servizz lill-anzjani tal-lokalita'.

8. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Primary Health Care Dept. Fejn dan id-Dipartiment wera x-xewqa biex issir diskusjoni dwar ir-rinnovazzjoni tal-Berġa. Il-Kunsill qabel li ssir din id-diskusjoni.

9. Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'ittra mingħand il-kumpanija Green Mt. dwar diskussjoni ta' proposti ġodda dwar immaniġġjar ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill qabel li ssir din id-diskussjoni ma din il-kumpanija.

10. Il-Kunsill irċieva imejl mingħand Angelo Bonnello dwar fittness classes. Il-Kunsill iddeċieda li dawn il-classes għandhom isiru kull nhar ta' Tlieta bejn 6.30 p.m. u 7.30 p.m. fl-iskola primarja. Għandha ssir laqgħa mall-Headmistress sabiex il-Kunsill jara fejn hi l-possibilita' li dawn il-classes isiru. Għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku.

11. Dwar l-attivita' bl-isem Rock Legends 2014, fejn d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien alloka l-ammont ta' €2000 mill-iskema tal-attivitajiet, is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara kif ser tittelgħa din l-attivita' b'dan l-ammont biex dawn il-fondi ma jitilfux.

12. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tnediet l-applikazzjoni ta' M413.5 bl-isem ta' Improving Signposting for Sites of Interest fejn saret laqqgħa apposta l-bieraħ 21 ta' Ottubru, 2014 mill-Meusac fejn għaliha attenda s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mall-Kunsilli l-oħra Għawdxin. F'din il-laqgħa ġie diskuss li ser jidħol ir-Reġjun sabiex issir applikazzjoni waħda. Il-Kunsill qabel li għal din l-applikazzjoni ma kienx hemm żmien biżżejjed biex wieħed japplika u l-Kunsill qabel u qal li ser jirrifjuta milli japplika.

13. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv attenda għall-laqgħa minn Valletta.18, fejn dawk preżenti ġew informati li qed issir website bil-postijiet fil-lokalitaijiet kollha ta' interess f'Malta u f'Għawdex u bl-attivitajiet li jkunu għaddejin matul is-sena.

**Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

1. Il-Viċi Sindku ssuġġerit li jsir kors ta' crafts inġenerali, hi għanda tikkuntattja persuna li ser tieħu ħsieb dan il-kors. Il-Kunsill qabel ma dan.

2. Il-Viċi Sindku rrakkommandat li l-kaxxa tat-tenders issir bit-tlett ċwievet. Il-Kunsill qabel ma dan.

3. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana talbet u semmiet li qed jiġu ndirizzati lilha ilmenti mingħand il-ġenituri tat-tfal tal-iskola biex iż-zebra crossing ta' quddiem l-entratura ta' quddiem il-gate il-kbir tal-iskola fi Triq Sannat issir quddiem jew qrib Triq it-28 ta' April 1688. Is-Sindku u l-Kunsillier Joseph Bajada wieġbu u qalu li zebra crossing bil-liġi ma tistax issir fil-kantuniera jew (*corner with)* għaliex tkun aktar ta' periklu.

**Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu attenda għal Seminar dwar id-Dimensja u Servizzi għal-persuni b'Diżabilita' mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'diżabilta' u Anzjanita' Attiva w indirizzata mill-Onor. Dr. Juystin Caruana b'kollaborazzjoni mal-Malta Dementia Society.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-DLG staqsa meta ser jibdew jiġu streamed il-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretaju qal li issa l-apparat neċċessarju huwa kollu nstallat u lest. Il-Kunsill qabel li l-laqgħat ser jibdew jiġu streamed mill-laqgħa li jmiss.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal laqgħa biex tiġi rikonoxxuta l-World Diabetes Day bejn it-13 u l-15 ta' Novembru 2014. F'din il-laqgħa l-Kunsilli preżenti ġew mitluba biex nixgħelu b'dawl blu x'imkien prominenti f'kull lokalita'. Il-Kunsill għażel u qabel li tinxtgħel il-Kalkara tal-Ġir.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li hu flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali ta' Malta u ta' Għawdex ser jattendi kors ta' Diploma – MQF Level 5 fil-Public Management and Governance at Local Level. Dan il-kors ser jikkonsisti f'xi 25 lecture u ser jibda fid-29 ta' Ottubru 2014 waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva imejl mid-DLG fejn infurmawna sabiex jingħata l-Performance Bonus tal-Eks Segretarju Eżekuttiv li l-Kunsill kien approva. Il-Kunsill qabel ma dan.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kumpanija Greenpak Ltd bgħatet il-mid year report fejn deher biċ-ċar li r-raħal Ta' Sannat ma għadux jirreċikla daqs kemm kien fil-bidu meta bdiet din is-sistema u fir-rapport hemm tnaqqis sostanzjali. Is-Segretarju qal li nforma lis-Sindku u kiteb ċirkulari lir-residenti dwar dan il-każ u din iċ-ċirkulari tqassmet mal-borża l-ħadra li tqassmet għas-sitt darba fir-raħal.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandu dawn il-kuntratti li jistgħu jiġu mġedda:

- Tindif u manutensjoni ta' Parks and Gardens (verges) 20.11.2014 - 19.11.2015
- Tindif u manutensjoni tal-Playing field fi Triq Marziena 02.12.2014 - 01.12.2015

Il-Kunsill qabel li dawn il-kuntatti jiġu mġedda għal sena oħra.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjoni mitluba mingħand JCA Limited għas-servizz ta' accountant għal prezz ta' €1150 għal kull sitt xhur. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex joħroġ kwotazzjoni għas-servizz ta' avukat. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

10. Dwar Memo 20/2014 (DLG) – Tindif ta' Water Culverts u li dawn għandhom jitnaddfu ta spiss u jinżammu fi stat tajjeb. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Proġetti u Żvillupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex b'permezz ta' imjel biex il-water culvert ta' Sannat junction jiġi mnaddaf.

**Korrispondenza**

1. Ittra datata 11 ta' Awwissu 2014 mingħand l-Arċipriet fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-kollaborazzjoni fl-okkażżjoni tal-festa titulari.

2. Ittra mingħand il-librara fejn talbet lill-Kunsill biex jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija. Il-Kunsill qabel ma din it-talba bil-ħinijiet il-ġodda u li minn Novemebru 2014 il-librerija ser tkun miftuħa kull nhar ta' Ġimgħa minn 12.30 p.m. sal-4.30 p.m. u nhar ta' Sibt mis-1.30 p.m. sal-4.30 p.m.

3. Imejl mill-Europe Direct fejn sar invit sabiex jinġabar materjal għall-librerija lokali nhar it-13 ta' Novembru 2014 fis-6.30 p.m. fil-Kunsill Lokali tar-Rabat - Għawdex. Għal din l-attivita' ser tattendi l-Viċi Sindku.

4. Imejl mingħand il-Kuntrattur Ray Cushieri lill-Perit Curmi fejn qed jissuggerixxi li l-partitions tal-latrina pubblika jkunu għoljin 2.1 metri flok 1.9 metri fuq is-saqajn għal aktar safety. Il-Perit qabel ma dan. Skond il-Kuntrattur hemm diskrepanza ta' €275. Il-Kunsill qabel ma dan l-għoli ta' 2.1 metri u li jħallas id-differenza.

5. Ittra mingħand is-Sinnet Folk Group fejn talbu il-Kunsill sabiex jipprovdilhom kamra għal użu ta' darba fil-ġimgħa għat-tagħlim taż-żfin folk. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma dan il-grupp.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

| | |
|---|---|
| Memo 23/2014 | Manutenzjonitas-Sinjali u Markings tat-Toroq u tas-SleepingPolicemen |
| Memo 24/2014 | Applikazzjonijiet pendent quddiem l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (il-Mepa) |
| Memo 25/2014 | Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.Il-Kunsill applika bħas-sena l-oħra |
| Memo 26/2014 | Nfiq tal-Kunsilli Lokali |

**Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista ta' pagamenti Numru 10 (annessa mall-minuti). Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti.

**Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fid-8.40p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar il-Erbgħa 12 ta' Novembru fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**